SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 283/01DM

Anthony Mifsud

Vs

Raymond Cassar

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u sittin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm563.38) rapprezentanti din is-somma inkwantu ghal mija u hamsa u tmenin lira Maltin u hamsin cenetzmu (Lm185.50) merci cioe` laham u qarnit mibjugha u konsenjati lil konvenut, mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u tmienja u u tmenin cenetzmu (Lm129.88) flus mehudin indebitament b'qerq u mitejn u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm248) bhala self.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant l-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghda tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur s-somma mitluba ta' hames mija u tlieta u sittin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm563.38) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 t'April tas-sena 2001 u bl-ispejjez konra l-konvenut.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg